4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 7

**Emenda 7**
**Kira Marie Peter-Hansen, Claude Gruffat**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***13a. Jiddispjaċih ħafna dwar l-approvazzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-Polonja matul il-laqgħa tal-ECOFIN f'Ġunju 2022; jiddeplora l-fatt li l-Polonja użat is-setgħa ta' veto tagħha fi kwistjonijiet ta' taxxa biex tagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni ħalli japprovaw il-pjan tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha; jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li l-Istati Membri u l-Kummissjoni spiċċaw ċedew għal pressjoni bħal din; iqis li r-riforma reċenti tal-ġudikatura fil-Polonja ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-objettivi intermedji tal-pjan tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha, b'mod partikolari dawk inklużi fil-komponent F dwar it-titjib tal-kwalità tal-istituzzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; itenni l-pożizzjoni tal-Parlament li l-ebda pagament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma jista' jsir b'rabta mal-pjan tal-Polonja sakemm il-pajjiż ma jkunx ikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1a];*** |

[1a] ***ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.***

Or. en

4.7.2022

B9-0339/2022 }
B9-0340/2022 }
B9-0342/2022 }
B9-0344/2022 } RC1/Em. 8

**Emenda 8**
**Kira Marie Peter-Hansen, Claude Gruffat**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE**
Vetoes nazzjonali biex jiġi mminat il-ftehim globali dwar it-taxxa

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jieħu nota tal-fatt li, fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni fl-aħħar bdiet il-proċedura formali kontra l-Ungerija skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt[1a] billi bagħtet notifika bil-miktub; jistenna li l-Kummissjoni tkompli tagħmel passi 'l quddiem mill-aktar fis possibbli u jistenna li l-Kunsill jieħu impenn politiku biex il-proċedura tiġi konkluża b'suċċess mingħajr dewmien u bħala kwistjoni ta' prijorità;*** |
| | _________________ |
| | ***[1a] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.*** |

Or. en